VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. ~~13~~ 14**

L-Erbgħa 12 ta' Marzu, 2014, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Dr Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Attard, Raymond Azzopardi u Vincent Fabri. L-Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti wkoll.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 13 li saret nhar L-Erbgħa 19 ta' Frar, 2014, fis-7.30pm kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli saqsa lis-Segretarja biex tagħti nformazzjoni dwar ir-Run of event ta' Jum il-Belt kif ukoll iż-żjara tal-President George Abela fil-Belt Valletta.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli ta' rendikont ta' dak li gie diskuss fl-aħħar laqgħa ta' l-Interministrial commitee tal-V18 kif ukoll tal-laqat tal-fondazjoni tal-V18

2.2 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli staqsa lis-Segretarja biex terġa tkellem lis-Sur Michael Cohen dwar l-istatus tal-ByeLaws.

2.3 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li kellu laqgħa mal-Lands dwar l-Main Guard, l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Belt.

2.4 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li dwar il-kambjament fit-toroq tan-naħħa ta'Hastings, il-konsulent tat-traffiku nforma li din l-aħjar li ssir f'Ġunju biex jilħaq isir kampanja biex in- nies jkunu nfurmati aħjar. Kien hemm qbil dwar dan.

2.5 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li kienet waslet ittra min transport malta biex isiru 6 parkeġġi ħdejn l-MCC għal-MCC. Il-Kunsill qabel li saret oġġezzjoni peress li MCC għandhom off-street parking.

2.6 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li attenda laqgħa dwar Norway Funds. Nforma li tkellem ma Robert Tabone u nforma li ser ikun qed isir studju dwar kif għandha tiġi mqassma l-allokazzjoni tal-Kunsilli.

2.7 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li xtaq jinnomina lil Charles Camilleri – President ta' La Valette għal premju gie il- belt. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

2.8 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma qed issir pressjoni biex il-Kunsill jkun awtonomu mir-regjun. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw informa dwar il-laqgħa li kellu ma' Transport Malta. Nforma li tkellem dwar iż-żoni residenzjali. Nforma li l-ebda nformazzjoni ma ngħatat min naħa ta' Tranport Malta.

3.2 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma dwar iż-żjara li għamel flimkien mas-segretarja ġewwa Chechister. Tkellem dwar il-group Friends of Valletta kif ukoll dwar il-possibilita' li ssir youth exchange fl 2015. Dwar Twinning. Il-Viċi Sindku nforma li fin-Notte Bianca il-group friends of Valletta xtaqu jzuru il-Belt u saqsew jekk il-kunsill jkunx jista jgħinhom fl-organizzjoni kif ukoll jiieħu ħsieb xi affarjiet bħat-trasport. Il-Kunsill qabel li dan jista jsir. Il-Viċi Sindku nforma ukoll li waqt iż-żjara tiegħu żara diversi Sports Clubs.

3.3 Il-Kunsillier Raymond Attard informa dwar il-bżonn ta' refreshing fl-area tal-parroċċa ta' San Duminku.

3.4 Il-Kunsillier Raymond Attard staqsa dwar kif ir-restaurant Angelica għandu l-imwejjed barra. Is-Sindku nforma dak li kien ġara u li kien ġie diskuss waqt l-aħħar laqgħa.

3.5 Il-Kunsillier Vince Fabri tkellem dwar il-bżonn li l-kunsill jiltaqgħa mar-regjun dwar il-problema tal-wardens. Il-Kunsill kollu qabel pero Il-Kunsilliera Raymond Attard u Raymond Azzopardi astjenew. Il-Kunsillier Attard tenna wkoll li t-tribunal lokali mhux kredibli. Is-Sindku ghalhekk informa li se jikteb officjalment lir-regjun sabiex ir-regjun issib soluzjoni ghal-din il-problema.

3.6 Il-Kunsillier Vince Fabri nforma li attenda laqgħa Certess dwar Vjagg kulturali Ewropej.

3.7 Il-Kunsillier Vince Fabri nforma li xtaq jara jekk mhux possibili li l-knejjes u l-kappelli tal-Belt jibqgħu miftuħin matul il-lejl. Nforma li tkun ħaga tajba jekk nipprovdu mappa bil-postijiet li se jkun hawn miftuħin

3.8 Il-Kunsilier Vincent Farrugia Lauri nforma li xtaq jiltaqgħa mal-għaqda ta' l-għarmar ta'San Duminku biex tiġi diskussa l-possibilita' li Papa Piju 5 jitqiegħa f' waħda min-niċċeċ li hemm mal-faċċata tal-Katidral. Peress li hemm tnejn vojta, l-oħra tista ssir ta' Laparelli. Dr Norman Shaw nforma li skond informazzjoni li għandu l-Heritage Malta qed taħdem biex Nerik Mizzi ma' jibqax quddiem Il-Katidral pero jmur fejn il-Prim Ministri l-oħra.

4. **KORRISPONDENZA**

4.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Arċipierku Aquatic Club sabiex il-Kunsill jghinhom isibu post min fejn jistghu joperaw. Il-Kunsillier Vince Farruggia issugerixxa il-gabbana li hemm taħt is-sur. Ghalhekk minhabba li kien hemm qbil mil-Kunsill, is-Sindku propona li din tigi devoluta lil-Kunsill u il-mozzjoni giet Sekondata mil-Kunsillier Vince Farrugia.

4.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Kumitat ta' La Valette biex issir laqgħa ta' kortezija gewwa l-Kazin. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir wara Jum il-Belt.

4.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza dwar telecare.

4.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza biex issir applikazzjoni – A Plus Award 2014. Il-Kunsill qabel li din għanda ssir u l-Kunsill jipparteċipa.

4.5 Il-Kunsill rċieva korrispondenza biex issir applikazzjoni – International Award UCLG 2014. Il-Kunsill qabel li din għanda ssir u l-Kunsill ghandu jipparteċipa bil-proposta tal-marketing plan li wassal ghal Valletta 2018.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

5.1 Is-Segrerarja nfurmat li l-premjiet għal Jum il-Belt 2014 ser ikunu:

**Rikonoxximent ghal-Hidma mal-komunita' Beltija**
Rev P. Tonio Mallia Milanes – Ex Kappillan San Duminku
Rev. Kan. Mario Tong – Ex Arċipriet ta' San Pawl
Rev. Ray Francalanza – Ex Kappillan Santu Wistin
Rev.P. Martin Schembri – Ex Pirjol Madonna tal-Karmnu
Ms Alexandra Mamo – Ex - Superintendent Valletta
Spettur Stephen Saliba – Ghassa l-Belt
Jade Cini – Ms Malta 2013 -

**Cittadinaza Onorarja**
Mr Raymond Cassar – Ex Head Primary School St. Elmo

5.2 Is-Segretarja nfurmat li saret talba lid-dipartiment biex jibgħat *replacement* biex jintela' l-post vacant ta' Elaine Caruana bħala EU affairs officer.

5.3 Is-Segretarja preżentat l-ispejjez għax-xahar ta' Frar 2014. Dawn gew approvati.

**TMIEM**
Fl-21.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għal-Erbgħa 23 ta' April 2014 fit -19.30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku